# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta’ nhar it-Tnejn 5 ta’ Marzu 2001

Rikors numru 213/00 AJM

Kawza numru

Citaz. Nru 213/00

Linknet Limited et

Vs

Terranet Limited

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta’ Terranet presentat fit-8 ta’ Jannar 2001 li permezz tieghu talbet ir-revoka “contrario imperio” tad-digriet ta’ din il-Qorti tas-17 ta’ Marzu 2000 in forza ta’liema digriet il-Qorti kienet ordnat is-sospensjoni tal-effetti ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 4966/99 li kien inhareg fuq talba tas-socjeta’ rikorrenti kontra s-socjeta’ intimata.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ Linknet presentata fil-24 ta’ Jannar 2001 meta opponiet din it-talba ghar-ragunijiet hemm imsemmija.

Rat ukoll ir-replika tas-socjeta' rikorrenti.

Hadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat ir-rikors.

Ikkunsidrat:-

B'kuntratt tas-16 ta' Ottubru 1998 fl-attitan-Nutar Mario Caruana, is-socjeta' Linknet Ltd kienet ikkostitwit ruhha debitur favur s-socjeta' Terranet fis-somma ta' LM15,030.00 oltre l-imghax b'effett mit-30 ta' Settembru 1998. Fl-istess kuntratt il-konjugi Charles u Irene Aquilina u Lawrence u Joyce Aquilina ikkostitwew ruhhom garanti solidali mal-istess kumpanija debitrici principali.

Is-socjeta' Linknet naqset mill-obbligi minnha assunti fl-imsemmi kuntratt u ghalhekk b'ittra ufficjali tal-10 ta' Awissu 1999 l-imsemmija socjeta' u l-konjugi Aquilina, gew interpellati mis-socjeta' Terranet sabiex ihallsu l-ammonti minnhom dovuti u fin-nuqqas jittiehdu proceduri ulterjuri.

Billi rega ma sarx il-pagament dovut saret talba ghall-hrug ta' mandat esekuttiv ta' sekwestru ghas-somma globali ta' LM16,182.30 liema talba giet milqugha fil-15 ta' Novembru 1999. Wara l-esekuzzjoni ta' dan il-mandat saru diversi tentattivi mis-socjeta' debitrici sabiex fl-ewwel lok il-mandat jigi revokat (liema talba giet michuda mil-Qorti) u fi stadju ulterjuri sabiex jigu sospizi l-effetti tal-imsemmi mandat pendenti proceduri istitwiti mis-socjeta' Linknet biex tiddikjara null u bla effett l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

L-ewwel talba saret fl-4 ta' Frar 200 u giet michuda b'digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Frar 2000. Sussegwentement fit-2 ta' Mejju 2000 reget saret talba ohra mis-socjeta' Linknet sabiex l-effetti tal-mandat jigu sospizi pendenti l-proceduri istitwiti kif inghad fuq. Din it-talba giet notifikata fis-socjeta' rikorrenti li pero' naqset tippresenta risposta u ghalhekk b'digriet tas-17 ta' Marzu 2000 din il-Qorti laqghet it-talba u dana in vista' tal-proceduri istitwiti mid-debitur u pendenti l-ezitu tal-istess proceduri.

Ikkunsidrat:-

Illi f'dan ir-rikors li huwa intiz sabiex din il-Qorti tirrikonsidra d-digriet taghha tas-17 ta' Marzu 2000 qed jigi sottomess mis-socjeta' Terranet, rikorrenti, li l-imsemmi digriet ma ghandu ebda bazi legali inkwantu l-ezekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru jsir bin-notifika tal-istess att lis-sekwestratarji u ghalhekk ma setghetx tintalab is-sospensjoni. Inoltre qed jigi sottomess li l-pretensjonijiet tas-socjeta' Linknet fil-proceduri minnha istitwiti huma bla bazi.

Da parti tas-socjeta' Linknet qed jigi sottomess li dawn il-proceduri u cioe r-rikors odjern, huma irriti u nulli inkwantu ma sarux fi zmien sitt ijiem kif kontemplat fl-artikolu 229 (4) tal-Kap 12. Jinghad ukoll, mis-socjeta' intimata, li d-digriet tas-17 ta' Marzu 2000 kien inghata validament kif kontemplat fil-paragrafu (e) tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 229 tal-Kap 12.

Fl-ewwel ghandu jigi rilevat li dawn l-proceduri jikkoncernaw d-digriet tas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sekwestru. Ghalhekk kull referenza

ghall-atti tal-kawza istitwita mis-socjeta' Linknet biex tikkontesta l-validita' tal-att ta' kostituzzjoni ta' debitu hija ghal kollox irrilevanti.

Fit-tieni lok jinghad li l-artikolu 229 tal-Kap 12 li jirregola d-drittijiet tal-partijiet milquta b'digrieti tal-Qorti, huwa intiz sabiex jipprovdi mezz ta' appell jew *"rikonsiderazzjoni"* mill-Qorti, min digrieti *"interlokutorji"* u mhux minn kull digriet iehor li din il-Qorti tista' tigi mitluba tippronunzja fuq talba ta'parti interessata. Il-kaz in ezami ma certament ma ghandux in-natura ta' digriet interlokutorju billi kien jolqot l-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv u bl-ebda mod ma jikkoncerna l-andament tal-proceduri bejn litiganti. Ghalhekk proprjament, kif sewwa irrileva d-difensur tas-socjeta' Terranet, dan l-artikolu mhux applikabbli ghal kaz. Jsegwi li t-terminu previst fis-subinciz (4) ta' l-istess artikolu mhux applikabbli.

Dan premess din il-Qorti hija tal fehma li l-mezz uzat mis-socjeta' Terranet sabiex tottjeni rimedju ghall-ingustizzja minnha allegata, mhux wiehed idoneu billi l-ligi tal-procedura ma tikkontemplax talba simili b'rikors u r-regola li digriet ma jaghmilx gudikat ghal Qorti li taghtih tapplika biss ghad-digrieti interlokutorji kif previst fl-artikolu 230 tal-Kap 12.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddikjara irritu u null r-rikors tas-socjeta' Terranet u ghalhekk tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tieghu.

Spejjes ghas-socjeta' Terranet.

Onor Imhallef Albert J. Magri